

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-10 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberster Gerichtshof – l-Awstrija) – VI vs KRONE – Verlag Gesellschaft mbH & Co KG

(Kawża C-65/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Responsabbiltà għal prodotti difettużi – Direttiva 85/374/KEE – Artikolu 2 – Kunċett ta' "prodott difettuż" – Kopja ta' gazzetta stampata li fiha parir ineżatt fuq is-saħħa – Esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni)

(2021/C 297/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: VI

Konvenut: KRONE – Verlag Gesellschaft mbH & Co KG

Dispożittiv

L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi, kif emendata bid-Direttiva 1999/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 1999, moqri fid-dawl tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, kif emendata bid-Direttiva 1999/34, għandu jiġi interpretat fis-sens li kopja ta' gazzetta stampata li, meta tittratta suġġett paramediku, tagħti parir ineżatt fuq is-saħħa dwar l-użu ta' pjanta, li l-konformità miegħu tikkawża dannu lis-saħħa ta' qarrej ta' din il-gazzetta, ma tikkostitwixxi "prodott difettuż" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

⁽¹⁾ ĠU C 209, 22.6.2020.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-10 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesgericht Linz – l-Awstrija) – Land Oberösterreich vs KV

(Kawża C-94/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2003/109/KE – Status ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għal żmien twil – Artikolu 11 – Dritt għal ugwaljanza fit-trattament f'dak li jikkonċerna s-sigurtà soċjali, l-għajjuna soċjali u l-protezzjoni soċjali – Deroga mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-għajjuna soċjali u tal-protezzjoni soċjali – Kunċett ta' "benefiċċji prinċipali" – Direttiva 2000/43/KE – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn il-persuni irrispettivament mir-razza jew l-oriġini etnika – Artikolu 2 – Kunċett ta' diskriminazzjoni – Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti ta' għajjuna għall-akkomodazzjoni li-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għal żmien twil għall-kundizzjoni li dawn jipproduċu l-prova, b'mod speċifikat minn din il-leġiżlazzjoni, li għandhom għarfien bażiku tal-lingwa ta' dan l-Istat Membru)

(2021/C 297/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesgericht Linz

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Land Oberösterreich

Konvenut: KV